# FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI TA' MALTA

## DR FRANCESCO DEPASQUALE

**Seduta ta' nhar it-Tnejn tlettax (13) ta' Gunju 2016**

**Rikors Numru 56/16 FDP**

**Gianni ossija John Bezzina**

**(ID 181339M)**

**vs**

**Anthony Bezzina**
**(ID 134147M)**

**Il-Qorti:-**

Rat ir-rikors ipprezentat fir-registru ta' din il-Qorti nhar il-11 ta' Marzu 2016 fejn l-attur talab lill-Qorti tikkundanna lill-konvenut thallasu s-somma ta' sitt elef, disa mija u tmienja u tmenin Euro (€6,988) ekwivalenti ghall-valur ta' sehmu ta' kwint (1/5) indiviz mill-intjiet tal-garaxx fil-pjan terran, bin-numru 63, Triq Tad-Dawl, Haz-Zebbug, Malta, sottopost ghall-propjeta ta' terzi, mibjugha bil-prezz globali ta' erbghah u tletin elf, disgha mija u erbghin Euro u sittin centezmu (€34,940.60), premezz ta' kuntratt ta' bejgh ippubblikat fit 18 ta' Lulju 2008 fl-atti tan-Nutar Rachel Busuttil, fuq liema kuntratt, oltre ghall-interessi tieghek, inti dehert ukoll, kif aworizzat in forza ta' Ipoteka Legali 127/2007, ghan-nom u in rappresentanza u fl-interess tal-attur imsiefer.

Bl-ispejjez tal-presenti u bl-imghax legali kontra l-konvenut li huwa ingunta in subizzjoni .

Rat illi l-avviz ghas-smigh tal kawza u l-Avviz propjru gew notifikati lill-intimat fit-18 ta' Marzu 2016 (fol 10).

Ra illi fid 9 ta' Gunju 2016 ir-rikorrent ippresenta nota b'affidavit tar-rikorrent u dokumentazzjoni.

Ra illi fid 9 ta' Gunju 2016 ir-rikorrent ippresenta ukoll kapitolu fil-konfront tal-konvenut (fol 48).

Rat illi fis-seduta tat-13 ta' Gunju 2016, il-konvenut gie imsejjah izda ma deherx, la biex jikkontesta t-talba attrici u lanqas biex jirrispondi ghad-domandi in subizzjoni.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li semghet lill-avukat difensur ta' l-attur jghid li t-talba attrici ghadu dovuti issib li t-talba tal-attur kif mitluba tirrizulta gustifikata w timmerita konferma.

**Il-Qorti ghalhekk qieghda tilqa' t-talba attrici w tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur s-somma ta' <u>sitt elef, disa mija u tmienja u tmenin Euro (€6,988)</u> ekwivalenti ghall-valur ta' sehem l-attur ta' kwint (1/5) indiviz mill-intjiet tal-garaxx fil-pjan terran, bin-numru 63, Triq Tad-Dawl, Haz-Zebbug, Malta, sottopost ghall-propjeta ta' terzi, mibjugha bil-prezz globali ta' erbgha u tletin elf, disgha mija u erbghin Euro u sitting centezmu (€34,940.60)**

**Spejjez u Imghax legali kontra l-konvenut kif mitluba fil-avviz promotur.**

**Francesco Depasquale LL.D. LL.M. (IMLI)**
**Magistrat**

**Marisa Bugeja**
**Deputat Registratur**